TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 235/15/GB

**Tania Psaila**

**vs**

**International Trading Company Ltd.**

Illum 24 ta' Frar 2016

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-17 ta' Diċembru, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' elf sitt mija u erbghin Ewro (€1,640.00), rapprezentanti l-prezz li hallset ghal *fridge* u *freezer*, li nxtraw minghand is-socjeta' ntimata, il-bibien ta' liema *fridge* u *freezer* imtlew bis-sadid fi zmien sena.

Is-socjeta' ntimata ipprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti, li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat *fridge* u *freezer* minghand is-socjeta' ntimata u fi zmien sena, il-faccata tal-bibien taghhom imtlew kollha bis-sadid. Kemm it-*technician,* kif ukoll is-sid tas-socjeta' ntimata marru d-dar tar-rikorrenti ghal tliet darbiet, fejn raw il-*fridge* u l-*freezer* huma stess u vverifikaw li kien fil-fatt sadid. It-tliet tentattivi li ghamlu fuq il-faccata tal-bibien, biex inehhu s-sadid, kienu kollha ghal xejn.

Ir-rikorrenti hallset l-ammont ta' elf sitt mija u erbghin Ewro (€1,640.00) ghall-*fridge* u l-*freezer* in kwistjoni, fejn inkluz f'dan l-ammont hija hallset l-ammont ta' tliet mija u ghoxrin Ewro (€320.00) sabiex il-bibien tal-imsemmija *fridge* u *freezer* jkunu tal-materjal *stainless steel.*

Ir-rikorrenti ezebiet dokumentazzjoni relattiv.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti xtrat *fridge* u *freezer* u l-garanzija infethet fis-7 ta' Ottubru 2014.

It-tekniku tas-socjeta' ntimata kien mar id-dar tar-rikorrenti fl-24 ta' Settembru 2015, sena wara li nfethet il-garanzija, fejn kien gie nnutat li fuq il-*fridge* u anke fuq il-*freezer* kien hemm *corrosion.*

It-tekniku tas-socjeta' ntimata u s-Sinjura Bonello kienu regghu marru fuq il-post biex jaraw x'kienet il-kawza ta' dan il-*corrosion*, fejn meta s-Sinjura Bonello staqsiet lir-rikorrenti b'hiex kienet qed tnaddaf l-i*stainless steel* tal-*fridge* u l-*freezer*, hija kienet qaltilhom li tuza sapun tal-platti u xi kultant kienet tghaddiha bid-D7 oil.

Dakinhar li r-rikorrenti kienet xtrat il-*fridge* u l-*freezer*, kienet is-sinjura Bonello li kienet ghamlet l-ordni, fejn hija kienet spjegat, bhal ma hija l-prassi normali ghaliha, lir-rikorrenti kif kellha tnaddaf il-*fridge* u l-*freezer*, u cioe' kienet irrakkomandat li jintuza *neutral soap* biex jitnaddaf gewwa tal-*fridge* u tal-*freezer* u li kellu jintuza d-D7 oil biex jitnaddaf l-i*stainless steel.*

Is-socjeta' ntimata tigbed l-attenzjoni lejn is-segwenti:

Pagna 29 tal-ktieb ta' l-istruzzjonijiet qed tirreferi ghall-gewwa tal-*fridge*, fejn hemm indikat li m'ghandhomx jintuzaw certu prodotti li jistghu jikkagunaw hsara. Hawnhekk qed jirreferi ghall-fatt illi ghandu jintuza *neutral soap* ghan-naha ta' gewwa tal-*fridge*.

F'pagna 29 hemm spjegazzjoni fid-dettal f'punt 7.2 rigward it-tindif tan-naha ta' gewwa tal-*fridge*, fejn jinghad: *"CAUTION" "Do not use Detergents or abrasive powders, as these will damage the finish".*

Illi ghalhekk, qed jigi spejegat sabiex ma jintuza ebda tip ta' detergenti fuq l-i*stainless steel* ghaliex dan jista' jikkawza l-hsara. Dan juri li r-rikorrenti ma kienitx qrat sewwa l-ktieb ta' l-istruzzjonijiet.

Ir-rikorrenti kienet mgharrfa li kellha tuza d-D7 oil biss ghal fuq l-i*stainless steel*. Fil-fatt kellha flixkun minn dan iz-zejt li xtrat minghand is-socjeta' ntimata stess.

Il-hsara giet ikkawzata wara sena u dan ma jistax ikun li kien hsara mill-manifattura. Il-*fridge* u l-*freezer* huma minn produzzjoni differenti u l-hsara li sehh huwa minhabba prodott li ntuza li mhux adattat.

Ir-rikorrenti kienet ammettiet li kienet uzat tip ta' *detergent* fuq l-i*stainless steel* (sapun tal-platti).

Is-socjeta' ntimata tigbed l-attenzjoni li sapun tal-platti fih certu kimici bhall-acctu, ecc.

Il-garanzija tindika bic-car li *stainless*, *plastics*, hgieg u *rubber* ma jigux koperti bil-garanzija, dan ghaliex ir-raguni tal-hsara setghat tigi kkawzata mill-klijent stess.

Il-bibien tal-*fridge* u tal-*freezer* jistghu jigu ordnati separatament izda l-prezz taghhom jammonta ghal mitejn tlieta u disghin Ewro (€293.00) il-wiehed.

Ir-rikorrenti kitbet li hallset iktar biex ikollha prodott *stainless steel*, pero' jekk il-klijenta ma timxix mal-pariri li jinghataw minn fejn ikun inxtara l-prodott, u ma timxix mal-ktieb ta' l-istruzzjonijiet, dan jista' jigrilu l-hsara, kif gara f'dan il-kaz.

Is-socjeta' ntimata ezebiet dokumentazzjoni relattiv.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonferma l-verzjoni taghha mil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja ta' dokument li nghatat mis-socjeta' ntimata meta xtrat il-*fridge* u l-*freezer* in kwistjoni, li giet immarkata bhala Dok.TP1.

Ir-rikorrenti ezebiet il-ktieb ta' l-istruzzjonijiet u l-manual *animo ritirandi* waqt is-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn hija anke kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrenti, fejn stqarret li *"Meta staqsejt lir-rikorrenti b'hiex tnaddafhom qaltli li bil-liquid soap u darba fil-gimgha bid-D7 oil"*.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja ta' dokument li allegatament gie mghoddi lir-rikorrenti meta xtrat il-*fridge* u l-*freezer* in kwistjoni, li giet immarkata bghala Dok.ITC1 – Fuq domanda tat-Tribunal b'referenza ghall-fatt illi Dok.TP1 u d-dokument identiku li gie ezebit mis-socjeta' ntimata mar-risposta taghha jghidu: *"use only liquid soap for cleaning"*, pero' Dok.ITC1 jghid: *"use only neutral soap for cleaning the interior of the fridge"*, is-socjeta' ntimata ammettiet illi Dok.ITC1 m'huwiex id-dokument li nghata lir-rikorrenti fil-mument tal-bejgh; is-socjeta' ntimata ezebiet dokument iehor, li gie mmarkat bhala Dok.ITC2.

Xehed Jack Francica, prodott mis-socjeta' ntimata.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jibda billi jiddeplora l-atteggament dispreggjattiv tas-socjeta' ntimata fejn hija sfaccatament ippruvat tizgwida lit-Tribunal meta ezebiet dokument li kien differenti minn dak li kien inghata lir-rikorrenti fil-mument tal-bejgh u differenti wkoll mid-dokument li l-istess socjeta' ntimata kienet diga' ezebiet hija stess flimkien mar-risposta taghha. Illi, fuq ezami tal-provi, irrizulta ampjament car illi l-istruzzjonijiet li kienu nghataw lir-rikorrenti mis-socjeta' ntimata, sia bil-fomm u sia bil-miktub, kienu illi l-*fridge* u l-*freezer* kellhom jitnaddfu billi jintuza *liquid soap*, u li kellu jigi applikat D7 *oil* darba fil-gimgha fuq il-bibien tal-i*stainless steel* – struzzjonijiet illi gew segwiti

mir-rikorrenti hekk kif irrizulta mix-xhieda taghha, kif ukoll ikkorroborat mix-xhieda tas-socjeta' ntimata. Illi, it-Tribunal ma jista'qatt jittollera t-tattici manipulattivi ta' kwalunkwe negozjant fil-konfront ta' konsumatur, liema tattici gew ezegwiti mis-socjeta' ntimata fil-kaz *de quo*, meta skond hi, l-istruzzjonijiet bil-miktub taghha stess *"use only liquid soap for cleaning"* kienu qed jirreferu ghat-tindif tal-bibien tal-*fridge* u tal-*freezer* minn gewwa biss u mhux ghall-barra ta' l-istess. Jekk is-socjeta' ntimata riedet tfisser dan, kellha taghmel referenza specifika ghal dan u mhux thalliha ghall-imaginazzjoni u l-assunzjoni tar-rikorrenti. It-Tribunal jaghmel referenza wkoll ghall-fatt illi in kontro-ezami, fejn giet mistoqsija taghmel referenza ghall-pagna minn fejn jirrizultaw l-istruzzjonijiet tat-tindif minn barra tal-*fridge* u tal-*freezer* in kwistjoni fil-*manual* li nghata lir-rikorrenti, is-socjeta' ntimata rrispondiet illi tali struzzjonijiet ma jezistux fl-imsemmi *manual*. Illi ghalhekk, u ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi illi kien hemm nuqqas serju ta' servizz da parti tas-socjeta' ntimata u qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' elf sitt mija u erbghin Ewro (€1,640.00) lir-rikorrenti, filwaqt li kontestwalment ma' tali hlas, jordna lir-rikorrenti tirritorna l-*fridge* u l-*freezer* in kwistjoni lis-socjeta' ntimata, li ghandhom jingabru mis-socjeta' ntimata a spejjez taghha, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**